# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa b'Urġenza tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 23

Il-Ġimgħa, 8 ta' Awwissu, 2025

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fid-9am.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Abigail Micallef – Viċi Sindku
Horace Vella – Kunsillier (daħal fid-9.15am)
Jonathan Mercieca – Kunsillier

SKUŻATI:

Frankie Attard – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

PREŻENZA TAL-PUBBLIKU:

Albert Camilleri – Propjetarju ta' Green Restaurant

## Minuti

Is-Sindku spjega illi għajjat din il-laqgħa peress li sar xi kliem żejjed dwar is-sitwazzjoni tal-Playing Field minn Albert Camilleri, propjetarju tal-Greens restaurant, wara li sar jaf li ser ikollha terġa' toħroġ l-offerta tax-xogħolijiet għall-istess Playing Field. Dan il-kliem sar fil-preżenza tal-ħaddiema tal-Kunsill Lokali u anke tal-Assistent Prinċipal tal-Kunsill Lokali fejn ingħad kliem dispreġjattiv minn Camilleri fil-konfront tas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Dan kollu nqala' wara li s-SE ġibdet l-attenzjoni ta' Camilleri permezz ta' email fejn infurmatu illi l-area tal-Playing Field ingħalqet kemm-il darba bil-barriers u bit-tape minn naħa tal-Kunsill Lokali u dawn jerġgħu jitneħħew minn terzi. Ġibditlu l-attenzjoni ukoll illi f'dan is-sit ma jistgħux isiru parties jew attivitajiet oħra mingħajr permess tal-Kunsill Lokali. Camilleri mbagħad talab laqgħa mal-Kunsill dwar dawn il-materji.

Is-Sindku ddiskuta ma' Camilleri dwar il-kundizzjoni tal-Playing Field u dan mhuwiex tort tal-Kunsill peress li konna ilna s-snin biex ġibna l-permess tal-PA, imbagħad kellna nagħmlu l-emendi minħabba li Kercem Ajax FC (li dakinhar kien President tagħha Camilleri stess) kienu talbu li jitranġa l-pitch tal-boċċi, u anke l-ERA ma kienetx qegħda taqbel fuq xi traslokar tal-palm. Dan kollu tawwal il-proċess ta' dan il-proġett u għalhekk il-Kunsill dam ma ħareġ l-offerti. Hawnhekk Camilleri semma l-inkompetenza tal-Perit peress li ħarġet l-offerta bl-iżbalji. Il-Kunsilll aċċerta lil Camilleri illi ser ikun qed jerġa' jitkellem mal-Perit biex l-iżbalji jitranġaw.

Hawnhekk Camilleri kien lest mid-diskussjoni mal-Kunsill u ħareġ. Il-Kunsill kompla bil-laqgħa.

Is-Sindku ċċara illi issa l-offerta trid toħroġ b'mod differenti peress li issa m'għandniex biżżejjed fondi għall-porfido kollu. Is-Sindku ssuġġerixxa illi jsiru x-xogħolijiet tal-istrutturi tal-logħob u l-flooring tal-logħob u mbagħad il-porfido jsir wara meta nsibu xi fondi oħrajn. Kulħadd qabel ma' dan is-suġġeriment.

Ġie msemmi ukoll il-metre tad-dawl tal-Playing Field u tajjeb li nġibu Inġinier sabiex jiċċekkja li qiegħed jieħu minnu l-Playing Field biss.

Il-laqgħa ntemmet fl-10.00am.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Mario Azzopardi<br>Sindku | Marianne Sagona<br>Segretarju Eżekuttiv |